# Aktar tagħrif storiku dwar il-kuntratti taż-żewġ baned tal-belt Victoria

**Michael Said**

Qiegħed nippublika dan l-artiklu mhux biex nuri b'xi mod nuqqas ta' rispett lejn il-memorja tas-Sur Anton F. Attard. Bil-kuntrarju, nixtieq insellem it-tifkira tiegħu, peress li kien ħabib tiegħi. Konna ta' spiss niltaqgħu u niddiskutu xi tema fuq it-tnissil taż-żewġ soċjetajiet filarmoniċi tal-Belt Victoria. Bħala riċerkatur u kittieb prolifiku, lil Anton F. Attard ninżagħlu l-kappell, imma mbagħad fejn kienet tidħol l-istorja taż-żewġ baned u tal-parroċċi tal-Belt Victoria, fil-fehma tiegħi, huwa kien jiżloq fin-niexef għaliex ma kien imparzjali xejn u ħafna mid-drabi kien ixaqleb fuq naħha waħda biss. Kien jinterpreta d-dokumenti kif jidhirlu hu u bla ebda mistħija sabiex iġib il-boċċa ħdejn il-likk.

Fil-ktieb tal-festa ta' Santa Marija 2018 (ippubblikat mis-Soċjetà Filarmonika Leone), paġna 95, il-mibki Anton F. Attard, f'artiklu: *"It-twaqqif fis-seklu l-ieħor tal-ewwel baned f'Għawdex"*, reġa' ntilef jippublika l-kuntratti tal-baned sabiex jipprova jbiddel is-sens ta' dak li nkiteb fihom. Dan l-artiklu ta' Attard kien diġà ġie ppubblikat snin qabel, f'ktejjeb li kien ħareġ l-istess awtur, fis-sena 2000 u ħafna mill-punti li kien għamel dakinhar, kienu ġew ribattuti fis-snin ta' wara. Iżda minħabba li issa reġa' deher l-istess artiklu, ħalli nerġa' nirrispondi għal xi punti oħra li jien kont ħallejt barra dakinhar, għax bħalma jgħidu, il-kelb il-mismut kull ilma jaħsbu misħun.

Dak li ma hemmx fil-kuntratt tas-*Soċjetà Leone,* fejn jissemma' s-Surmast Achille Lanzon waħdu, Anton F. Attard jipprova jdawru fuq is-*Soċjetà La Stella*. Fit-tieni kuntratt ta' Achille Lanzon, li bih il-banda ngħatat l-isem *ta' Ljun,* la kien hemm Ġorġ Tabone *l-Binu* u lanqas Adrianu Lanzon. It-tajba hi, li Anton F. Attard dejjem kien jinfexx fuq il-biċċa li l-Perit Pietru Attard ma kienx il-vera fundatur tas-*Soċjetà La Stella* għaliex huwa ma ffirmax il-kuntratt tas-*Soċjetà La Stella*. Il-Perit Pietru Attard kien il-moħħ biex twaqqfet is-*Soċjetà La Stella* u sa x'ħin miet, wieħed dejjem isibu li kien fit-tmexxija ta' din is-Soċjetà. Ġorġ Tabone *l-Binu* u Adrianu Lanzon qatt ma dehru imkien minn x'ħin twaqqfet il-Banda *ta' Ljun*. Is-Sur Anton F. Attard kien dejjem jgħid li l-Perit Pietru Attard qatt ma jissemma fil-kuntratt u ma kienx il-veru fundatur. It-tajba hi li Adrianu Lanzon u Ġorġ Tabone lanqas ma jissemmew fil-kuntratt li kien sar fejn tissemma l-Banda *Leone* b'isimha. Mela dan xi jfisser? Meta kont nitkellem ma' Anton F. Attard fuq livell personali, kont ngħidlu li aħjar ifittex fuq il-*Banda ta' Ljun* forsi jsib min kienu sewwa l-presidenti ta' dik il-banda u d-dati tagħhom ta' meta kienu fil-kariga.

Fit-8 ta' Mejju 1965, il-Kardinal L. Traglia, kien kixef bust, hawn ir-Rabat, tas-Sur Ġorġ Tabone, il-fundatur tal-Banda *Leone*. Dan il-bust kien tpoġġa preċiżament fuq il-bieb prinċipali tas-sala tal-kunċerti tal-każin *Leo*, u kien ġie maħdum miż-żgħażugħ skultur Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi. Dan kien ġie mħallas minn Ġorġ Tabone u Ċensu Grech. Meta mbagħad kien infetaħ it-*Teatru Aurora*, fid-9 ta' Ottubru 1976, il-fundaturi *ta' Ljun* f'daqqa waħda, minn wieħed saru tnejn: is-Sur Ġorġ Tabone *l-Binu* u s-Sur Adrianu Lanzon. Dan taħwid jew le?

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dak li jinkiteb fil-kuntratti jsir biex ikun hemm ftehim bejn l-imseħbin, imma minn dak li jinkiteb toħroġ ukoll l-istorja, basta wieħed jagħraf jislitha b'onestà. B'dispjaċir kbir tagħna, is-Sur Attard reġa' ġab il-kuntratt tal-ewwel Soċjetà Filarmonika ta' Għawdex, is-Soċjetà *La Stella*, u meta fissru, ħalla barra minnu dak li juri l-qedem ta' din is-Soċjetà.

F'dan il-kuntratt tas-Soċjetà *La Stella* li kien sar nhar il-11 ta' Jannar 1881 hemm indikat ċar li t-trawwim u t-tnissil tagħha jmorru lura sas-sena 1863 u qabel, minbarra l-fatt li fl-istess kuntratt hemm imniżżel li s-Soċjetà ma kellha ddaħħal ebda flus mid-daqq ta' wara l-bibien kif naqraw fl-artikli 24 u 25 tal-istess kuntratt. Minnhom u minn fost l-artikli l-oħrajn tal-kuntratt joħroġ il-qedem ta' din is-Soċjetà mużikali għaliex il-kuntratt jgħid ċar li l-membri tagħha kienu diġà ilhom idoqqu minn ħafna snin qabel ma' din ġiet imwaqqfa legalment.

Nafu wkoll li t-Teatru *Calypso*, li twaqqaf fl-1870, kellu bħala l-fundatur tiegħu lill-Perit Pietru Attard u sa kellu orkestra tiegħu ta' tnax-il mużiċist li kien imexxiha s-Surmast Salvu Grima. Dawn tal-orkesta spiċċaw kienu bandisti u membri tas-Soċjetà *La Stella*, meta ġiet imwaqqfa legalment fil-11 ta' Jannar tas-sena 1881. Interessanti wkoll li ftit tax-xhur wara, dan Salvu Grima kien sar surmast tal-Banda *La Stella,* fejn dam mill-1881 sal-1884. Ma huwa vera xejn li f'Għawdex kien hawn biss il-Banda *tal-Binu* u l-Banda *ta' Dirjanu* bħalma jrid jisħaq Attard. Huwa fatt dokumentat u magħruf li l-Perit Pietru Attard kien ukoll imdaħħal sew f'dan il-qasam. Jerġa' huwa fatt magħruf ukoll li f'okkażjonijiet f'Għawdex f'dik il-ħabta, ġieli kienu jdoqqu aktar minn żewġ baned.

Minbarra t-traduzzjoni li kien għamel is-Sur Attard fis-sena 2000, il-kuntratt tas-Soċjetà *La Stella* kien ġie ukoll tradott u ppubblikat fil-ktieb tal-festa ta' San Ġorġ tas-sena 2009, f'paġna 129 minn *tal-Istilla*. Kien bis-saħħa

tal-mibki Frank L. Mercieca u ta' Joe Agius, li kienet saret it-traduzzjoni tal-2009, mit-Taljan għall-Malti. Dan kollu sar minħabba t-traduzzjoni li kien għamel is-Sur Anton F. Attard fil-ktejjeb tiegħu tas-sena 2000 għax dehrilna li aħjar ikun ippubblikat minna, bit-traduzzjoni tagħna, ħalli ma jkunx hemm tagħwiġ ta' tifsir ta' kliem.

Punt ieħor importanti huwa dak ta' Artiklu 3 fil-kuntratt ta' *La Stella*, fejn jgħid hekk: "Dawn l-imsemmija, li qed jiffurmaw parti mill-*Antica Società*: Pietro Attard, Salvatore Farrugia, Salvatore Buhagiar, Anton Frendo u Mikelang Buttigieg, jobbligaw irwiehom li jiffrekwentaw il-lezzjonijiet tal-mużika mal-imsemmi Surmast Anton Buhagiar u dawn iridu jħallsu xelin kull wieħed fix-xahar."



Mro Anton Buhagiar

Jiġifieri minkejja li kienu diġà ilhom jafu jdoqqu, dawn il-bandisti xorta ġew mitluba jattendu għal-lezzjonijiet tal-mużika taħt is-Surmast Anton Buhagiar, dan għal żmien sena sabiex ikunu jistgħu jagħmlu parti minn din l-*Antica Società.* Dan ifisser li l-*Antica Società* hija din li bdew jagħmlu parti minnha.

Fatt ieħor kurjuż huwa dak li fl-artiklu tas-Sur Anton F. Attard fil-ktieb tal-festa ta' Santa Marija 2018, tpoġġa ritratt ta' Adrianu Lanzon maġenb il-kuntratt tas-Soċjetà *La Stella*, meta s-surmast tagħha kien Anton Buhagiar. Adrianu Lanzon qatt ma kellu rbit mal-Banda *La Stella*. Meta jissemma fil-kuntratt *ta' Ljun* huwa jissemma' biss bħala li kien missier is-Surmast Achille Lanzon u xejn aktar. Fil-fatt, Adrianu qatt ma ffirma li huwa wieħed mill-imseħbin, la fl-ewwel kuntratt tas-27 ta' Mejju 1880 u l-anqas fit-tieni kuntratt tas-6 ta' Frar 1881. Osservazzjoni oħra li xtaqt nagħmel, hija dik li ritratt ta' Achille Lanzon ma deher imkien f'dan l-artiklu li qed insemmu. Tgħid għaliex fl-1884 dan Achille kien mar mas-Soċjetà *La Stella* u sar surmast tagħha? Fiż-żewġ kuntratti, Achille Lanzon deher mal-imseħbin. U ngħid jien, ma kienx jixraqlu ritratt imqar għal daqshekk?



Mro Achille Lanzon

Fil-kuntratti li saru ta' Achille Lanzon ma hemm ebda ħjiel li l-banda kienet ġejja min xi oħra eqdem. Bil-kontra, il-kuntratt tal-Banda *La Stella* fih erba' artikli li juru l-qedem tagħha.

Fit-tieni kuntratt fejn tissemma b'isimha l-Banda *ta' Ljun*, fit-tielet artiklu hemm miktub li *s-surmast huwa d-direttur u l-amministratur tas-Soċjetà.* Soċjetà hija tas-soċji li jagħmluha u s-surmast jitlaħħaq biex jamministra u jidderieġi l-banda li tagħha huwa soċju. Fl-artiklu 23 tal-kuntratt tas-Soċjetà *La Stella* jgħid li *kwart mid-dħul ikun irid jitwarrab għall-bżonnijiet tas-Soċjetà.* Mela l-banda *La Stella* ma kienet ta' ħadd partikulari, ħlief tas-soċji f'daqqa, tant li nħoloq fond biex tibqa' tespandi. Mhux veru għalhekk li kienet tas-Surmast Anton Buhagiar waħdu bħalma ma kinitx dik ta' Achille Lanzon tiegħu waħdu, għaliex din kellha wkoll il-kaxxa tas-Soċjetà, imma fiha kienu jitwaddbu biss il-multi.

Fil-ktieb ta' Grazio Anton Grech li kien ħareġ fl-1967 bl-isem Ġrajjiet il-Banda Filarmonika u Ċittadina tal-Belt Victoria, Għawdex*: Il-Leone* hemm miktub hekk:

> *"Fis-6 ta' Frar 1881 Mro Achille Lanzon, għal darba oħra mgħejjun* minn Ġorġ il-Binu, l-istess bandisti reġgħu għamlu kuntratt ieħor għand in-Nutar Carmel*o Gauci fejn din l-Għaqda Mużikali ġiet imsemmija Banda del Leone."*

Forsi Anton F. Attard ħadha minn dan il-ktieb. Imma dan mhux minnu għax kien hemm seba' bandisti li ma resqux biex jagħmlu parti mit-tieni kuntratt, fosthom Ġorġ Tabone *il-Binu*, il-fundatur.

Punt ieħor ta' min isemmih huwa dak li fl-artiklu tpoġġa ritratt ta' Ġorġ Tabone fejn il-kuntratt ta' Achille Lanzon meta dan ma kienx wieħed mill-firmatarji tal-kuntratt. It-tieni kuntratt li sar fis-6 ta' Frar 1881 bejn Achille Lanzon u l-imseħbin kien hemm seba' bandisti li ma resqux biex jagħmlu parti mill-kuntratt. Dawn kienu Ġorġ Tabone, Karmenu Tabone, Anton Pisani, Alfonso Cutajar, Mikiel Farrugia, Ġorġ Pace u Pawlu Mizzi. Mela għalfejn tpoġġa ritratt ta' Ġorġ Tabone fejn il-kuntratt? Forsi biex wieħed jaħseb li l-Banda *ta' Ljun* ġiet imwaqqfa minn Ġorġ Tabone? Ma hux minnu li min ma ffirmax il-kuntratt xorta waħda kien jifforma parti mis-Soċjetà *ta' Ljun.* Il-kliem fuq dan il-punt ġie mdawwar,




Manuskritt mużikali tal-1857, wieħed minn bosta li kienu propjetà tal-Perit Pietru Attardu li llum jinsabu fl-Arkivju Mużikali tas-Soċjetà Filarmonika 'La Stella'



Il-Perit Pietru Attard (1835 – 1916) il-Fundatur tas-Soċjetà 'La Stella'

kif kien iħobb jagħmel is-Sur Anton F. Attard fejn tidħol il-Banda *Leone*.

Il-mużika li hemm fl-arkivju tas-Soċjetà *La Stella* tmur lura sal-1857, ħafna minnha kienet tal-Perit Pietru Attard, il-fundatur. Il-perjodiku *Id-Devot ta' Marija* ta' Jannar 1888 kien irrapporta li fis-17 t' April tas-sena ta' qabel, erba' snin biss wara l-ġrajja tas-Sejħa ta' Karmni Grima, il-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet pellegrinaġġ lejn *Ta' Pinu*, immexxija mill-Perit Pietru Attard. Il-bandisti kienu ħadu sehem f'quddiesa u l-Perit Pietru Attard kien irregala, flimkien ma' Dottor Pawlu Sammut, żewġ kwadri lil *Ta' Pinu*, wieħed tal-Qalb ta' Ġesù u l-ieħor tal-Addolorata. Propjament, inkwatru minnhom kien ħallsu ħu Pawlu, l-Ispiżjar Ignazio Sammut.

Nafu li l-Perit Pietru Attard kien devot kbir tad-Duluri u fil-fatt kien fratell fil-Konfraternità tagħha tal-Knisja ta' San Ġakbu, fir-Rabat, Għawdex. Kien bil-ħidma sfiqa tiegħu li saret il-vara devota tal-Madonna tad-Duluri. Din il-vara nħadment f'Monaco di Baviera fil-1881 u qamet is-somma ta' għoxrin Lira Sterlina. Kienu ġew inkarigati tliet fratelli biex jiġbru s-somma: il-Perit Pietru Attard, is-Sur Ġużeppi Bondi u s-Sinjur Ignazio Sammut. Il-Perit Pietru Attard waħdu kien ġabar ħmistax-il Lira Sterlina.

Il-Perit Pietru Attard kien iħabrek qatigħ sabiex tikber il-festa ta' San Ġorġ. Tant hu hekk li fl-1887, bis-saħħa tiegħu kienet inġabet iddoqq il-Banda *Prince of Wales* fil-festa ta' San Ġorġ ta' dik is-sena.

Kien il-Perit Pietru Attard li ħabrek qatigħ sabiex fit-18 ta'Novembru 1894 nġabet minn ta' Sliema, Malta, l-istatwa sabiħa ta' San Ġorġ, kapulavur ta' Vincenzo Cremona. Fost il-promoturi li ħabirku sabiex ikabbru din il-festa, minbarra mill-Perit Pietru Attard, ta' min wieħed isemmi wkoll lill-Avukat Isidoru Xuereb u lin-negozjant Michelangelo Galea Tal-Orjenti, li kien wieħed mill-ewwel bandisti tas-Soċjetà La Stella u l-Avukat Alfredo Refalo u ħuh in-Nutar Francesco. Il-ħsieb u l-moħħ wara dan kollu kien il-Monsinjur Giuseppe Farrugia tal-Vers.

Kien privileġġ għas-Soċjetà La Stella li gawdiet mit-talenti mużikali ta' Monsinjur Farrugia, tant li biex jissolenizza b'mod mill-aktar dinjituż il-wasla u d-daħla tal-istatwa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria huwa kiteb l-innu 'Sù garzoni all'invitto campione'. Din l-idea intlaqgħet tajjeb u ntgħoġbot, tant li llum il-festi ewlenin ta' gżiritna lkoll jagħmlu dimostrazzjoni bħalha.



L-eqdem ritratt tal-Banda 'La Stella' li jġib id-data tal-4 ta' Frar 1888

---

*Wieħed isib aktar dettalji fuq il-Perit Pietru Attard fil-ktejjeb ippubblikat mis-Soċjetà Filarmonika La Stella, li ħareġ fl-2016, għeluq il-mitt sena minn mewtu.*

# Mill-Imgħoddi

■ Ritratt miġbur minn **Michael Said**




Ritratt li juri lis-surmast Giuseppe Giardini Vella flimkien mal-Banda Pinto meta daqqet taħt id-direzzjoni tiegħu f'Pompej, nhar id-19 ta' Awissu 1931. Flimkien mas-surmast Giardini Vella jidhru wkoll numru ta' bandisti tal-Banda Cittadina La Stella li kienu daqqew mal-Banda Pinto.

PAUL MALLIA
Owner

T: 21550703
M: 79550703
E: sales@renos.mt

Triq Sant' Elizabetta, Xewkija,
Gozo, Malta

Reno's
IRONMONGERY

MON-FRI 7AM-7PM | SAT 7AM-5.30PM

ELECTRICAL & PLUMBING | KEY CUTTING | PAINT MIXING

ONLINE SHOPPING

FREE DELIVERY ALL OVER GOZO